KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8/2021

31 ta' Awwissu 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fid-9:00 ta' filghodu.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**8.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

8.1.1 Ma kienx hemm

**8.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

8.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 7 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

8.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-minuti ġew approvati unanimament

**8.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

8.3.A Il-Perit tal kunsill is-Sur Charlo Brigulio kien preżenti waqt din il-laqgħa biex jispjega teknikament żvilupp fil-pjan bin-numru PA 5037/21 fin-naħa ta' Santu Rokku. Qabel mal-perit beda jispjega l-applikazzjoni kif ġiet ippreparata mis-sid taż-żona, is-Sindku spjega kif diġa' kien hemm xi residenti u anke nies li għandhom għal qalbhom il-lokal tal- Kalkara li diġa' kienu avviċinawh ikkonċernati dwar dan li jista' jkun żvilluppat. Is- Sindku saħaq illi l-kunsill għandu jippreserva dak li huwa meqjuż bħala 'ODZ' fil- lokal u għandna nagħmlu pressjoni kif għadna fiċ-ċans fuq dan il-permess u mhux jiġri bħal ma ġara fis-snin preċedenti fuq każi simili bħal dan. Il-Perit kompla billi spjega s-sitwazzjoni u anke ppreżenta rapport imħejji minnu biex il-kunsill jara u jifhem aħjar. Il-Perit spjega illi dan il-permess għadu fil-bidu tiegħu mal-awtorita' tal-ippjanar u d-deċiżjoni fuq il-permess tinħareġ skond il-feedback tan-nies fuq l-istess permess jiġifieri jekk il-kunsill jaqbel tkun xi ħaġa idonja li wieħed jagħmel f'dan l-istadju tant fil-bidu.

Wara diskussjoni kostruttiva fuq din il-kwistjoni, il-kunsill qabel unanimament illi l-kunsill għandu jitfa' rrappreżentazzjoni tiegħu formalment mal-awtorita' imsemmija biex b'hekk wieħed juri dak li mhux qbil ma dan l-istess fl-eventwalita' żvilupp.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill dwar 'safety measures' li ġew approvati mill-awtorita' ta' TM li jinkludu 'safety bollards' fiż-żona ta' quddiem Esplora dan wara ħafna lmenti minn għand residenti kif ukoll nies li jużaw din it-triq kemm bil-karozza u kemm bil-mixi. Is-Sindku spjega illi fil-preżent iż-żona ġiet waħda

perikoluża immens speċjalment kemm ilu li tweħħlet il-magna tal-flus il-għaliex biex wieħed jinqeda bil-kumdita tiegħu qiegħed joħloq periklu meta jiġi biex joħroġ mis-'subsidiary road' li qeda fiha. Fl-istess ħin ċerti sewwieqa ġejjin minn naħa ta' Triq Missjoni Taljana qiegħedin jiksru 'one way' biex jużaw din l-istess magna. Is-Sindku wera 'site plan' immarkata kif għandhom jiġu dawn is-'safety measures' implementati u ser ikun qed jagħmel l-għalmu tiegħu biex ikellem lin-nies ikkonċernati biex jiġu mplementati minn naħa tagħhom jekk hu possibli ħabba raġunijiet varji fosthom ħabba raġunijiet finanzjarji. Is-Sur Bruno ssuġerixxa illi dawn il-mezzi ta' sigurta' għandhom jiġu estiżi għal aktar l-isfel fl-istess triq minħabba periklu li qiegħed jista' joħloq meta jidħol minn naħa l-oħra taż-żona biex jinqeda mill-istess ATM. Is-Sindku qal illi ser jieħu fil-konsiderazzjoni tiegħu dan is-suġġeriment u jmur anke fuq il-post jiċċekja biex ikun jista' jerġa' jkellem lill-awtorita' ħalli tiġi emendata l-pjanta la darba kollox ikun jagħmel sens.

C Is-Sindku nforma l-kunsill dwar l-aħħar żviluppi fuq ir-riġenerazzjoni tax-Xatt, fejn huwa spjega illi bħalissa wieħed irid jifhem is-sentimenti tan-nies fejn forsi ħafna ħasbu illi l-proġett waqaf minħabba l-fatt illi ħadd m'hu jara xogħol ta' kostruzzjoni jew forsi inġenji fiż-żona. Is-Sindku saħaq illi l-proġett ma waqafx imma wieħed irid jifhem il-proġett kbir ta' din in-natura jirrekjedi ħafna 'paper work' li jinkludi organizzazzjoni loġistika kbira, 'tendering procedures', laqgħat u ħafna aktar. Dawn ukoll jagħmlu parti mix-xogħol tal-istess proġett għalekk tajjeb li l-kunsill ikun jaf jispjega lil dik il-persuna li forsi ssaqsi x'ġara minn dan il-proġett. Sadanittant matul ix-xhur li għaddew is-Sindku stess iltaqa' ma' għaddasa li kienu qed jaħdmu fuq il-mollijiet fiż-żona li dan ix-xogħol huwa wkoll il-bidu ta' dan il-proġett minħabba l-ħsara estensiva li għandhom dawn il-mollijiet li ġarrbu matul is-snin fil-baħar. Is-Sindku qal illi diġa' hemm data ta' tentattivi fejn il-kuntrattur rebbieħ li ser ikun qiegħed jaħdem l-ewwel fażi tal-proġett ser ikun qed jieħu fil-pussess tiegħu fiż-żona aktar tard f'Settembru 2021 fejn wieħed ħa jkun jista' jara mplementazzjoni ta' 'safety equipment' u anke inġenji.

Is-Sinjura Speranza Chircop talbet illi jekk dejjem huwa possibli l-bankijiet li ser jinqalaw miż-żona jiġu mplementati madwar il-lokal għal benefiċċju tar-residenti.

Is-Sur Vincent Bongailas saħaq illi tajjeb li qiegħed jinforma 'l dawk illi normalment kienu jtellaw id-dgħajjes fiż-żona illi issa dan ma jistax isir u forsi wieħed jissuġġerixxi lill-awtorita' tal-lands biex tiġi mgħotija biċċa art lill-kunsill b'devoluzzjoni biex il-dawn in-nies li għandhom opra tal-baħar ikollom post fejn iżommu d-dgħajsa fix-xhur tax-Xitwa.

d Is-Sur Sindku ħabbar illi banda fil-lokal ser tkun qed tieħu sehem fil-festival Nazzjonali Baned imħejji mill-fondazzjoni Kottonera kompletament. Tajjeb li wieħed jifhem illi biex intgħażlet din il-banda kien hemm skrutinju fejn il-kunsill ma kellu x'jaqsam assolutament xejn biex żgur ma jkunx hemm konflitt ta' interess speċjalment meta l-lokal għandu 2 baned fil-lokal. Dan huwa festival imħejji għal

l-ewwel darba f'Malta u huwa ta' unur illi banda fil-Kalkara ser tkun qed tieħu sehem b'unur lejn il-Kalkariżi. Din il-banda ġiet mgħażula fost aktar baned minn madwar Malta u Għawdex. Id-dati ta' dan il-festival speċjalment meta ser jieħdu sehem il-banda Kalkariża ser ikunu qed jingħataw il-kunsilliera formalment fil-ġranet li ġejjin fl-eventwalita' li wieħed ikun interessat li jattendi.

e Is-Sindku nforma l-kunsill dwar rapport li rċieva mill-awtorita' tal-LESA b'dettalji u numri ta' kontravenzjonijiet maħruġa f'dawn l-aħħar xhur fil-lokal fuq l-abbużi ta' natura differenti. Is-Sindku xtaq jgħaddi din l-informazzjoni l-għaliex forsi l-kunsill bħalu ġieli sema illi l-cameras qiegħedin hemm għalxejn jew li ma jaħdmux. Tant li mhux minnu illi din l-awtorita' ser tibda toħroġ rapporti matul is-sena biex tikkonferma l-effiċjenza tal-cameras fil-lokal u n-nuqqas ta' abbuż miż-żoni. Mill-bidu tas-sena 2021 inħarġu mat-300 ċitazzjoni fuq abbużi ta' kull xorta li jinkludu ħmieġ mormi illegalment, parkjar ħażin u aktar.

F Is-Sindku nforma l-kunsill dwar is-sitwazzjoni preżenti mall-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart fil-lokal. Huwa qal illi kulħadd jaf illi dan huwa l-ikbar debitur għal kunsill fejn għal dawn l-aħħar snin kien qiegħed ipoġġi l-Kunsill Lokali Kalkara f'pożizzjoni antipatka u bikrija fejn jidħlu finanzi. Din il-kwistjoni ilha tiġi diskussa fil-verita' fejn issa wieħed wasal fi stat li jipprova jsib arranġament/ pjan ma' dan l-istess kuntrattur biex b'hekk anke d-dipartiment tal-kunsill jara li hemm pjan abbażi ta' kif ser jitħallsu l-invoices b'lura u dawk preżenti tal-istess kuntrattur. Is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek u l-accountant tal-kunsill diġa' ltaqgħu fejn iddiskutew il-possibiltajiet kollha biex wieħed joħroġ bi proposta vijabli għal dawn is-snin li ġejjin biex b'hekk anke l-pożizzjoni tal-kunsill titqies bħala waħda li għal-inqas qed tipprova ttejjeb il-qagħda tagħha fejn jidħlu finanzi. Tajjeb li wieħed isemmi illi fil-preżent id-dipartiment tal-kunsill kien qiegħed isibha diffiċli jagħti permess il-kunsill li joħroġ tender tal-e van li tant il-kunsill kien ilu jaħdem fuqu u saħansitra ġab il-maġġoranza tal-fondi għalih minħabba din il-kwistjoni. Tajjeb li wieħed jaħseb għal futur kemm għal-istess kunsill kif ukoll biex jissalvagwardja l-kuntrattur stess.

G Is-Sindku ppreżenta dokument ippreżentat lilu waqt tħejjija formali tar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir li saret aktar kmieni fix-xahar ta' Awwissu fejn hemm spjegat fid-dettal il-pjan għal kull lokal li jagħmel parti mill-inħawi tal-Port il-Kbir fosthom il-Kalkara. Tajjeb li wieħed jgħid illi punti msemmija f'dan id-dokument diġa' bdew fil-lokal tal-Kalkara bħal per eżempju xogħol fil-Fort Ricasoli, ir-riġenerazzjoni tax-Xatt u aktar. Is-Sindku saħaq illi hemm punt wieħed f'dan id-dokument illi għalih kien wieħed kruċjali fejn qed tissemma l-estenzjoni ta' Marina fejn l-istess kunsill diġa' kellu konferma mill-awtoritajiet illi l-Marina mhux ser tintmess u ser tibqa' skond il-prassi tal-preżent.
Il-kunsill qabel illi l-pożizzjoni tal-kunsill tibqa' dik li hi anke għal referenza fil-futur illi l-Marina m'għandix tikber għalhekk tajjeb li wieħed jenfasizza illi l-kunsill jilqa' dan id-dokument bi pjaċir pero' ma jaqbilx ma' dak li hemm miktub f'paġna 65 punt 4 fejn qed tissemma t-tibdil tal-istess Marina.

H Is-Sindku xtaq jirringrazzja formalment lill-għalliema volontarji illi ta' kull nhar ta' Erbgħa qed ikunu jagħtu sezzjoni ta' qari u divertiment lit-tfal li qed jattendu għas-sezzjonijiet ta' qari organizzati mill-kunsill. Huwa qal li dawn is-sezzjonijiet qed ikunu ta' suċċess fejn wieħed jista' jara ta' kull ġimgħa ż-żieda fin-numru ta' tfal. Is-Sindku qal illi jinsab verament kburi illi din iż-żona qed tiġi wżata għal benefiċċju tar-resident u qed tħalli l-frott fil-ġranet ta' kuljum. Dawn is-sezzjonijiet ser jibqgħu għaddejjin sa Settembru 2021 kif ukoll bis-saħħa tagħhom żdiedu ħafna aktar membri fil-librerija tal-lokal.

I Is-Sindku bi pjaċir ħabbar illi wara xhur ta' xogħol ta' tħejjija l-klinika fil-lokal infetħet għal benefiċċju tar-residenti tagħna. Tajjeb li wieħed jifhem illi din m'hijiex klinika ta' 'walk in concept' imma wieħed irid jagħmel appuntament biex jinqeda għal dak li jkollu bżonn. Tajjeb li kulħadd jifhem illi l-operat ta' din il-klinika hija totalment differenti għal dik li kellna qabel fil-lokal u jifhem ukoll illi sakemm tindara proċedura ġdida wieħed ser jisma' forsi xi tgergir. Is-Sindku saħaq illi din għandha tkun biddla fil-mentalita' u li hu kuntent ħafna b'dak kollu li sar biex din il-klinika infetħet f'dan l-aħħar xahar. Il-Kalkara kienet fost l-ewwel postijiet illi għandha klinika ta' dan il-livell u għalekk tajjeb li wieħed ineħħi dawn id-diċerijji illi l-klinika hija magħluqa għaliex mhux hekk imma l-operat tagħha huwa differenti minn kliniki oħra inkluż dik li kien hawn topera fil-lokal.

J Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li għaddew ġie mniedi Ġnien Rnella formalment fejn saħansitra saret 'press conference' fil-lokal li hu stess attenda għaliha. Dan il-ġnien mhux xi sigriet illi kien ilu għal dawn l-aħħar snin jiġi diskuss fejn issa fl-aħħar ser isir minn Parks Malta. Tajjeb li wieħed jgħid illi dan ser ikun l-ewwel ġnien f'Malta u Għawdex bit-titlu ta' 'Carbon free' u ppjanat illi fis-sena **2022** jinfetaħ għal pubbliku. Ix-xogħol ġo dan il-ġnien diġa' beda .
Is-Sinjura Speranza Chircop issuġġerit li wieħed għandu jsib alternattivi ta' parking il-għaliex la darba jinfetaħ ser ikun hemm problema ta' parking fiż-żona. Is-Sindku żied jgħid illi ser ikun qed jitkellem mal-kummissjoni tal-ismijiet tat-toroq biex dan il-ġnien formalment jingħatalu l-isem ta' Ġnien Rnella hekk kif jistħoqlu.

K Is-Sindku nforma l-kunsill b'xi tibdil li kien hemm fejn jidħlu skips fil-lokal fejn wieħed seta jinnota ċertu bidliet fosthom:

Tneħħija tal-iskip fi Triq is-Sienja
Tmexxija ta' Bring in Sites fejn ukoll tweħħlet kamera fiż-żona ta' Triq Rinella
Tneħħija tal-iskip ta' Konvoj Santa Marija fejn anke bil-għajnuna tal-'community police' qiegħedin nissorveljaw iż-żona għal abbużi li għadhom isiru.

Tajjeb li wieħed jgħid illi l-ewwel ftit xhur ser jibqa' jintefa skart fejn kienu primarjament l-iskips stess sakemm tindara l-biddla li tkun saret bħal ma dejjem ġara. Wieħed irid ikollu l-paċenzja jgħader sa ma tindara ż-żona mingħajr skip.

L Is-Sindku informa l-kunsill dwar proġett li qed isir min naħa ta' IM fiż-żona ta' Triq il-Kapuċċini fejn dan il-proġett ukoll kien ilu jiġi diskuss għal snin twal biex tinfetaħ triq / passaġġ f'dik l-akkwata. Tajjeb li wieħed ikun infurmat illi skond id-dettalji li kiseb il-kunsill waqt meeting formalment li attendew għalih is-Sindku kif ukoll is-Seg Eżek flimkien mal-kap ta' din l-awtorita' fil-preżent qiegħed isir testing taż-żona. Tajjeb li wieħed isemmi illi din iż-żona ma taqax taħt il-kappa tal-knisja kif forsi wieħed kien jaħseb. Ser ikun qiegħed isir xogħol fil-ġranet li ġejjin biex sa fl-aħħar iż-żona tiġi tranġata u miftuħa.

M. Is-Sindku nforma l-kunsill illi sa fl-aħħar taraġ San Ġużepp infetaħ għal pubbliku wara ħafna snin magħluq kif kulħadd kien diġa' jaf. Fadal xi xogħolijiet fih pero' it-taraġ huwa aċċessibli għal pubbliku.

Is-Sinjura Maria Sultana ssuġeriet li jsir 'railing' kif ukoll żieda ta' dawl u forsi jitpoġġew xi pjanti fl-istess taraġ biex jidher isbaħ viżivament.

N Dan il-punt ser ikun qed jiġi pospost għas-seduta li jmiss minħabba illi s-Sur Vincent Bongailas kellhu jallarga minn din is-seduta.

0 1 Il-kunsill approva unanimament illli 96 siegħa milli fadlila s-Seg Eżek tal-leave ta' din is-sena jiġi trasferit u miżjud mas-siegħat tas-Sena 2022 bħas-snin preċedent mingħajr problemi ta' xejn.

P Ma kienx hemm.

**8.4 (7.4 A6)** Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li għaddew ġie iffirmat l-MOU bejn il-kunsill u l-MCST hekk kif diġa' kien maqbul mill-istess kunsill fis-seduti preċedenti u ġiet inawgurata ż-żona formalment mill-istess MCST flimkien mal-Prim Ministru preżenti waqt l-attivita' tal-ftuħ. Is-Sindku qal illi l-veru wieħed għandu biex jiftaħar meta jara żona bħal dik riġenerata bl-aħjar mod possibli u mgħotija lura lir-residenti Kalkariżi.

8.5 1 Is-Sur Bongailas talab illi fuq il-paġna tal-kunsill jitellaw id-dekasteri ta' kull kunsillier b'ritratt ta' kull kunsillier biex kulħadd ikun jaf x'responsabiltajiet wieħed għandu.

8.5 a Is-Sur Bongailas talab illi r-rapporti imħejjijien mill-'contracts manager' jiġu ppreżentati waqt is-seduti tal-kunsill forma ta' 'hard copy' u mhux 'soft copy' biss hekk kif tagħmel is-Seg Eżek matul ix-xahar.

8.5c Is-Sur Bongailas talab informazzjoni dwar ir-riġenerazzjoni tal-Bajja ta' Rinella. Is-Sindku qal illi dan il-proġett għad ma ġiex iffinanzjat mill-Ministeru. Il verita' hi illi għad għadu ma wasalx għal pjan taż-żona. Draft u pjanti ġew imħejjija mill-kunsill pero' sal-preżent ma kien hemm ebda feedback pożittiv. Infatti fil-ġranet li għaddew is-Sindku qal illi ppostja fuq il-midja soċjali paragrafu fejn ura ddispjaċir tiegħu li jara bajjiet oħra jitkabbru u dik tal-Kalkara għad m'hemm xejn ippjanat għaliha. Fl-istess ħin kien iddispjaċut iktar fejn din il-kwistjoni qed titqajjem waqt seduta formali wara li ħadd mill-kunsilliera ma appoġjah pubblikament u forsi għamel 'share' dak li kiteb hu fuq l-istess kwistjoni fuq il-paġni tagħhom ta' FB. Qal illi din m'hijiex kwistjoni politika jew mertu personali imma hija għajta waħda għal dak li jistħoqqlu l-poplu Kalkariż fejn hu pretenda li l-kunsilliera jappoġġjawh kompletament. Kien hemm membri parlamentari li għamlu 'share' ta' dak li ppostja hu stess pero' l-ebda kunsillier ma għamel dan.

8.5d Is-Sur Bongailas issuġġerixxa illi għandu jinsab parkeġġ alternattiv għal dawk li jagħmlu użu mill-lanċa tat-turisti li qed torbot Esplora foreshore kif ukoll fl-eventwalita' illi fil-Kalkara topera wkoll il-ferry għal Belt u saħansitra tas-Sliema għaliex fiż-żona hemm problema ta' parkeġġ serju. Is-Sur Bongailas qal illi fil-fehma tiegħu wieħed għandu jikkorespondi naqa ma' dawk in-nies li joperaw dgħajjes tal-pass biex jinġibilhom permess joperaw mill-Kalkara.

8.5 e Is-Sur Bongailas informa l-kunsill formalment dwar sitwazzjoni ta' serq ta' ilma minn meter li jgħajjat il-kunsill fiż-żona tax-Xatt eżattament mill-meter li jiffridja l-letrina tax-Xatt. Is-Seg Eżek saħqet illi dan il-każ diġa' ġie rrapurtat lill-awtoritajiet ikkonċernati fejn ukoll uriet rapport formali li hija stess għamlet mal-Puluzija tad-distrett.

8.5a1 Is-Sur Vince Bongailas talab lill-kunsill biex juża s-700 mitt ewro allokati f'seduta formali tal-kunsill lil kull kunsillier biex jinħadmu 'cat shelters' u jitpoġġew fiż-żona ta' Triq l-Isptar Navali fejn diġa' hija meqjusa bħala 'cat shelter'. Dawn ser isiru minn assoċjazzjoni volontarji illi s-Sur Bongailas stess jieħu ħsieb.

8.5a2 Is-Sur Vince Bongailas informa l-kunsill illi l-attivitajiet li kellu ppjanati ġew imħassra ħabba raġunijiet varji speċjalment minħabba s-sitwazzjoni preżenti visavi l-Covid 19.

8.5b1 Is-Sinjura Sultana tablet il-kunsill jagħmel riċerka biex forsi il-'google maps' jiġu aġġornati bit-tibdil fil-lokal il-għaliex ambulanza li tuża GPS biex tasal ġo triq fil-Kalkara mhux qed tkun gwidata kif suppost peress illi s-sistema mhux updated u turi l-lokal kif inhu fil-preżent.

8.5 c1 Is-Sinjura Chircop qalet illi l-luzzu li ġie rregalat lill kunsill mill-fondazzjoni Kottonera tpoġġa fl-iskola tal-Kalkara ser isirlu ħsara estensiva la darba ser jibqa' hemmhekk mingħajr ma jiġi restawrat u storja f'post kif suppost. Hija qalet li ħasra li luzzu bħal dak jiġrilu l-ħsara minħabba nuqqas ta' attenzjoni.

8.5 c2 Is-Sinjura qalet illi tajjeb li l-kunsill jagħmel klarifika rigward il-ferry tat-turisti li qed topera mill-Kalkara l-għaliex ħafna ħasbu illi din hija l-ferry li twasslek għal Belt jew tas-Sliema.

8.5 c 3 Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi minn Ottubru ser ikun qed jerġa' jibda l-kors tal-bizzilla.

8.5c 4 Is-Sinjura Chircop qalet illi tixtieq torganizza sezzjoni ta' taħriġ fuq kif wieħed għandu jieħu ħsieb xi fenek li huwa jżomm id-dar bħala delizzju u pjaċir b'mod ħolistiku. Hija talbet lis-Sindku biex jittella' avviż dwar dan fuq il-paġna uffiċjali tal-kunsill biex wieħed jara l-konkorenza għal din is-sezzjoni .

8.5c5 Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi l-ħarġa li kienet ser tagħmel għal Kemmuna ġiet imħassra ħabba raġunijiet varji pero' hija qed tiskeda ħarġa kulturali oħra lejn Settembru / Ottubru għal gżira ta' Għawdex.

8.5d1 Is-Sur Bruno saħaq illi wieħed għandu jagħmel ilmenti formali dwar l-asphalt il-ġdid li sar fl-inħawi ta' Ġir, Sienja u Kapuċċini fejn f'xi inħawi minnhom diġa' beda jinqala sfortunatament. Tajjeb li wieħed ikellem il-Perit dwar dan minħabba illi l-kwalita' ta' dan l-asphalt m'huwiex wieħed kif suppost. Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi mal-asphalt tajjeb li wieħed ikellem il-Perit fuq punti li diġa' l-kunsill kien kellmu fuqhom fosthom il-'crossing' li hemm fi Triq il-Luqqata . Il-parkeġġ riservat fi Triq is-Sienja u oħrajn.

## 8.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.

**8.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**8.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 8.20

## 8.7 Mozzjonijiet

8.7.1 Ma kienx hemm

**8.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

8.8.1 Is-Seduta ntemmet fil-11:30 am wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-22 ta Settembru 2021 fid: 9:00am.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv